

# Il-Pantheon tal-isbaħ statwi Proċessjonali f'Malta skont Ferris

Dott. John A. Agius
P.Psy (Hons), D. Psicol. Clin (Università degli Studi di Padova)

Fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo* (1866), Achille Ferris, hu bħal pellegrin ossessiv li jterraq bla heda fil-Parroċċi Maltin u Għawdxin ta' żmienu. Dan ta' Ferris hu ktieb straordinarju. Dan il-ktieb hu kronaka personali, appossjonata u allura soġġettiva għall-aħħar, miżgħuda bl-inkorrettezzi ta' dettalji storiċi, iżda hu ġabra unika ta' informazzjoni u dettal liema bħalu fuq l-istorja ta' parroċċi Maltin u Għawdxin eżistenti sa nofs is-seklu dsatax.

Il-kitba ferventi ta' Ferris isservi ta' vjaġġ lura fiż–żmien, fejn miegħu l-qarrej jgħaddi minn raħal għal raħal, minn belt għal oħra. Jinfetħu l-purtuni tal-knejjes fuq korsiji jgħammxu ta' tempji imponenti ftit li xejn minsusa mill-ġenn megalomanijaku tal-bidu tas-seklu għoxrin. Jiddeskrivi bi prova kważi fotografika knejjes fil-purezza integra tal-arkitettura u d-dixxiplina estetika tad-dekorazzjoni tagħhom, u jħalli lill-qarrej kemxejn kurjuż, nostalġiku u deċiżament ċiniku tas-seklu wieħed u għoxrin, stordut quddiem daqstant ġmiel. Il-qarrej ma' jistax ma tingħafas qalbu għad-deskrizzjonijiet ta' knejjes illum mitlufa minn quddiem għajnejna għax ġew distrutti u mitlufa fil-ħerba tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Huma Malta u Għawdex bħal maqbuda f'kapsula taż-żmien ormaj remoti, imċajpra u mitlufa fl-għabra taż-żmien, fejn minn faqar jittallab fit-trejqat Maltin, mill-qlub ta' bini ta' rħula u bliet bil-ġebla dehbija xotta bil-għatx jgħolew minn sisien antiki knejjes ġojjel, li bħal sniedaq sagri jostru sinjorija intellettwali u ġmiel l-arti l-aktar kbir. Hi dinja oħra ta' purċissjonijiet ritwalistiċi li jserrpu fi rħula donnhom jgħixu ħajjithom għal qaddisin protetturi tagħhom, fejn jinxtraw il-fidda u d-damask meta fuq il-mejda kważi m'hemmx ħobż u nbid.

Huma Malta u Għawdex aljenati mit-taqlib storiku-politiku dinji, kważi Malta u Għawdex li konxjament ħassru lill-Franċiżi li kienu mas-saqajn ħamsa u sittin sena qabel. Tinħass Malta ta' bidu Vittorjan li bil-mod takkomoda għall-Brittaniċi bħala s-sidien ġodda tagħha. L-Ordni ta' San Ġwann bħal versi fl-inka li xi ħadd prova jħassar, iżda jinqraw ċar bħal sgraffjar fuq parċmina f'dak kollu li hu arti sagra, arkitettura u ritwali pubbliċi reliġjużi. Hi Malta romantika iżda ħarxa, għadma iebsa li tisfida d-destin unikament permezz tal-kulti lejn il-qaddisin. Hemm ġerarkija fissa, u ordni preċiż. Fratellanza wara fratellanza skont il-qedem u s-sinjorija tagħha; gandlieri tal-prima u tas-sekonda, il-festa tat-titular b'supremazija assoluta fuq il-festi sekondarji. Il-bogħod mill-paġni ta' Ferris, id-dinja ddur u tgħaqqad, renjanti jinbidlu u potenzi jpinġu mapep ġeografiċi ġodda, filwaqt li magni mekkanizati jnaqqru snajja u xogħol tal-idejn hekk kif ir-revoluzzjoni industrijali titħarrek bil-mod.

Il-paradoss li inkonxjament jinseġ Ferris hu li kitbietu ironikament ma' sserviex biss ta' ġabra storika rigward l-evoluzzjoni tal-parroċċi tagħna iżda minn xogħolu wieħed jista' jislet riflessonijiet u skoperti li jiftħu twieqi sorprendenti fuq il-ħajja ta' dawk iż-żminijiet, kurjożitajiet, folklor u leġġendi metropolitani li l-antikità tlibbes bil-kappa tal-kredibilità fejn per eżempju, serq ta' ġojjelli tal-Verġni Mqaddsa dlonk jissarrfu f'idejn paralitiċi; u b'hekk dawn l-istejjer popolari jissawru f'leġġendi mitoloġiċi fejn il-veru mhux neċessarjament aħjar jew aqwa mill-assurd.

Il-kitba ta' Ferris hi ukoll studju intimu fil-bniedem Ferris innifsu. L-idjosinkraziji tiegħu jitilgħu fil-wiċċ speċjalment meta jintilef fi kritika ħarxa u ħafna drabi realistika ta' opri artistiċi, jew meta jidħol fi stati t'estasi quddiem knejjes, kappelli jew kapulavuri artistiċi.

Il-gosti personali, b'togħma patrijottika evidenti ta' Ferris huma relattivament ovvji waqt l-elenki ta' arti sagra u oġġettistika ekkleżjastika dekorattiva li jagħti hekk kif iterraq minn knisja għal oħra. M'hemmx dubju li Ferris għandu ġusti sofistikati u estetika kolta. Jogħxa quddiem il-Kalabriż waqt li jagħrbel kull opra tal-Preti, u l-istess juri devozzjoni kbira lejn Francesco Zahra, għandu tifħir kbir għal Stefano Erardi u jżomm lil Rocco Buhagiar fuq wiċċ l-idejn. L-arkitetti Maltin Ġilormu Cassar, ibnu Vitor, Lorenzo Gafà, Tommaso Dingli u Sebastiano Saliba jingħataw kollha tifħir għal xogħlhom. U ngħiduha, dawn huma kollha maestri kbar f'xogħlhom, diffiċli tlum lil Ferris għall-preferenzi ċari li jagħmel għax wieħed jista' jgħid li għandu ġudizzju pjuttost konformi mal-maġġorparti tal-istudjużi u l-kritiċi tal-arti.

Huwa meta niġu għall-evalwazzjoni ta' statwi proċessjonali fejn Ferris l-aktar li hu karegoriku, riġidament ferm u immobli fil-ġudizzju tiegħu. Huwa propju fl-apprezzament ta' statwi proċessjonali fejn jissorprendi bl-għażliet estetiċi li jagħmel, filwaqt li jikkonferma dawk il-vari li klassikament meqjusa kapolavuri.

Bħala skulturi u statwarji m'hemmx dubju li mħabbtu tmur kollha għal żewġ skulturi kbar Maltin, probabli li qatt ra pajjiżna; Melchiore Gafà u Mariano Gerada. Mill-mod kif Ferris jinseġ kliemu hu evidenti li dawn iż-żewġ maestri jilħqu l-*apice* tal-ogħla arti skultureja. Għalih Gafà u Gerada huma in-*non plus ultra*.

Kien minn din ir-riflessjoni li xtaqt nislet il-viżjoni

ta' Ferris rigward dawk l-istatwi proċessjonali f'pajjiżna li skonthom huma l-quċċata tal-arti lokali, appuntu għax partikolarment seduċenti l-ideja li nifhmu viżjoni ta' persuna li f'nofs is-seklu dsatax, is-seklu fejn twieldu fostna bosta mill-vari proċessjonali varji, titulari u sekondarji, statwi devozzjonali u statwi tal-Ġimgħa l-Kbira tagħna. L-opinjoni ta' Ferris i interessanti ħafna appuntu għax fi żmienu stess, jew ftit qabel jew ftit wara kienu qed jiġu ikkomissjonati bosta minn dawn l-opri artistiċi. Nistgħu allura ngħidu li hu kien fil-qalba ta' attività artistika mill-aktar ħajja u vibranti. Naħseb jekk hawn epoka fejn kull dilettant tal-festi jixtieq imur fi żmien hu proprju l-wità matul is-seklu dsatax appuntu, għax il-festi tagħna bdew waħda waħda jiddakru mill-bżonn vitali li jkollhom xbieha tal-Patrun ta' qalbhom biex jimxi fi triqathom u jkun magħhom ġo pajjiżhom bħal preżenza ħajja u kuntatt dirett mas-sema li forsi xi drabi kienet tinħass wisq il-bogħod.

F'din il-lista hawn miġbura wara analiżi tal-kitbiet ta' Ferris, wieħed irid iżomm f'moħħu li bosta statwi li twieldu mill-1866 'l hemm ovvjament ma ngħatawx kredtu appuntu għax ma kienux eżistenti fi żmien li kien qed jikteb Ferris.

Iżda kien hemm bosta vari li kellhom diġà preżenzi ħajja fil-parroċċi rispettivi tagħhom li lanqas biex jissemmew minn Ferris. Fost dawk l-istatwa diġà eżistenti għal żmienu li ma' ħadu l-ebda menzjoni f'kitbietu nsibu assenzi illustri bħal San Publiju ta' Vincenzo Dimech (Floriana, 1811), San Ġorġ ta' Pietro Felice (Qormi, 1741), San Nikola ta' Pietro Felice (Siġġiewi, 1736), Santa Katarina ta' Salvatore Imbroll (Żejtun, data inċerta), Sant'Andrija (Ħal Luqa), il-Kunċizzjni ta Sor de Domenicis (Cospicua, c1680, Abram Gatt 1905), San Lawrenz (Vittoriosa) u l-Lunzjata ta' Xandru Farrugia (Ħal Tarxien, 1829), Santa Liena ta' Salvu Psaila (B'Kara, 1837) u l-Madonna tal-Karmnu ta' Salvu Psaila (Żurrieq, 1842). Dawn l-esklużjonijiet jħalluk bla kliem għax lanqas biss issib vers fuqhom. Tgħid x'wassal għall-esklużjoni tagħhom? Opri bħal San Ġorġ, San Publiju, Santa Liena, u tal-Karmnu taż-Żurrieq li huma universalment meqjusa bħal uħud mill-isbaħ statwi proċessjonali f'pajjiżna hu diffiċli tispjega l-assenza ta' mqar vers fuq l-eżistenza tagħhom.

Forsi Ferris kellu xi aġenda personali? Kważi impossibbli li ma kienx jaf bl-eżistenza ta' xogħlijiet ċelebri bħal Santa Liena per eżempju li nafu xi kjass kienet qajment fl-inawgurazzjoni u t-translazzjoni tagħha fl-1837.

Għaliex vari anke wħud ta' notorjetà kbira ġà fi żmienu baqgħu bla kumment ta' xejn?

Fejn ried jikkritika ma ddejjaq xejn jikteb u jsemmi l-vara partikolari b'isem l-artist magħha. Iċ-ċensura ejja nsejħulha elegantament Ingliża mhux daqshekk kwalità f'Ferris, li bħal fil-każ tal-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba, ma tantx qagħad jomgħod kliemu:

*"Fra gli oggetti di mediocre merito ci piace di accenare la statua portatile dell'assunto, eseguita da Alessandro Farrugia, del Zejtun, nel 1836, sul modello dell'altra de casal Asiach - opera del Mariano Gerada".*

Hawnhekk Ferris jistqarr li l-istatwa tal-Assunta meqjuma ġewwa l-Imqabba, xogħol Xandru Farrugia miż-Żejtun maħduma fl-1836 fuq il-mudell tal-Assunta Għaxqija (1808), opra ta' Gerada, fl-opinjoni tiegħu hi opra medjokri li ma tilħaqx livelli meħtieġa fl-estetika. Mentri s-Santa Marija ta' Ħal Għaxaq hi għal Ferris denja ta' tifħir kbir. Paragun bejn kapolavur u sempliċi koppja ser ikun dejjem paragon infeliċi. Forsi, Xandru Farrugia kien messu nsista li joħloq l-Assunta tiegħu persjonali, għax dan hu każ fejn verament l-apprendista lanqas biss jibda' mal-imgħallem.

L-Imqabbin jistgħu jikkonsultaw mal-poplu Lijien. Ma nimmaġinax li Ferris qatt ser ikollu pjazez imsemmiha għalih fil-lokal, għax anke s-Salvatur ta' Karlu Darmanin jirċievi riċensjoni kiesħa u bierda. Is-Salvatur (1866) ta' Darmanin, opra skwiżita fil-karta pesta, meqjusa minn bosta bħala l-opra d'eċċezzjoni ta' Darmanin u kapolavur assolut fil-kartapesta ma' tantx ħalla impressjoni fuq Ferris. Sempliċiment jiġi deskritt xott xott bħala *"un gruppo statuario con tre figure"*. Frankament, semma' l-ovvju meta r-rappreżentazzjoni grandjuża bi tliet figuri ċentrali kienet fiha nnifisha novità għal Malta. Snobiżmu lejn l-arti statwarja fil-kartapesta vesus l-iskultura klassika fl-injam jew irħam? Min jaf?!

Mitt bniedem, mitt fehma.

U xi ħadd qatt jista' jfarraġ lill-Qriema, jekk is-sabiħ Ġorġi, opra sublimi ta' Felice lanqas biss jissemma? Il-Qriema Ġorġjani għandhom inkwiet ieħor wara li jaqraw lil Ferris. Nistgħu nitkellmu dwar trawma doppja, dan għaliex id-deskrizzjoni tal-knisja ġojjel ta' San Ġorġ ta' Ferris tbikki lil min iħobb l-arti tagħna meta tisma' l-elenku impressjonanti ta' xogħlijiet ta' Francesco Zahra u Erardi li ntilfu waqt l-istupru tal-knisja qormija mill-moviment tan-Nazzareni fil-bidu tas-seklu għoxrin biex ġew skambjati mal-medjokritajiet li jħammru l-wiċċ li hemm imperċa fuq l-artali llum.

Bħalma l-Pantheon ġewwa Ruma jiġbor fin-niċeċ trijonfali tiegħu l-allat tal-mitoloġija, hekk Ferris bħal joħloq Pantheon tiegħu personalissimu u esklussiv għall-aħħar mimli bid-divinitajiet Maltin. Għalqu għajnejkom u immaġinahom kollha miġbura kollha f'niċeċ paxxuta ġo struttura rotunda fejn jitgawdew minn kullimkien indaqs. Għalqu għajnejkom u tpaxxew bil-lista tal-isbaħ fost is-sbieħ, dejjem skont il-bedwin tal-Arċipelagu Malti.

Din hi l-lista fl-ordni kif jissemmew fl-ordni tagħhom fil-kapitoli rispettivi fejn l-istoriku jimxi minn Parroċċa għal Parroċċa.

- L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li tinsab fil-Knisja tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat. Ferris jgħid li din kienet miġjuba minn Ruma fil-31 ta' Mejju, 1661, u li hi xogħol Melchiore Gafà.
- San Pawl tal-Belt Valletta *"classica opera"* ta' Melchiore Gafà, maħduma Ruma u mħallsa min-nobbli Paolo Testaferrata fl-1657.
- Il-Bambina tal-Isla *"eccellente opera in legno"* li skont Ferris ħadimha Mariano Gerada, iżda fil-verità kienet irranġata biss f'xuxitha u f'xi

paneġġi minn Gerada fl-1804.

- San Mikiel ta' Bormla, opra stupenda ta' moviment ħaj minn Mariano Gerada.
- Il-maħbub Kristu Rxoxt ta' Bormla xogħol Spanjol li ġej minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann.
- L-Anġli, hekk imsejħa "Tas-Salib", simboli tal-innoċenza u l-Virtù xogħol finissimu ta' Vincenzo Bonnici fl-1862. Dawn jinħarġu fuq quddiem tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
- San Ġużepp ta' Birkirkara ta' Vincenzo Dimech.
- Santa Marija tal-Gudja, l-ewwel statwa tal-Assunta f'Malta, xogħol Vincenzo Dimech tal-1807.
- L-epitomija tal-eleganza, l-istatwa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq, li fuqha Ferris jgħid *"la statua portatile in legno di santa caterina é bellissima opera del maltese mariano gerada del 1818..."*
- San Ġużepp ta' Vincenzo Dimech, Żurrieq.
- Il-Madonna tar-Rużarju ta' Gerada, meqjuma fis-Siġġiewi, 1805... *"opera insigne"*
- San Filep, taż-Żebbuġin... Ferris jfaħħru bil-bosta lil Filippu. Fit-13 ta' Lulju, 1863 jiġi mbierek mill-Papa Pio IX. *"E che diciamo poi della portatile statua colossale d'argento, rappresentante San Filippo d'Argirione? Essa é un'opera insigne. Che supera ogni elogio, eseguita in roma dal celebre artista Louigi Fontana da Monsanpietrangeli..."* Daħlet fit-tempju Żebbuġi u fl-inkonxju kollettiv Żebbuġi fl-1864.
- Drammatikament realistà, San Bartilmew, tal-Għargħur *"bell'opera in legno, eseguita in roma, però qui perfezionata da Francesco Zahra"*.
- U finalment, Santa Marija tal-Għaxqin, is-simbolu tal-grazzjożità u l-eleganza tal-materja li tisfuma f'emozzjoni eterja *"la statua portatile della B.V. Assunta é celebre opera del nostro bravo scultore Mariano Gerada, fatta nel 1808 a spese di Gio Maria Farrugia"*. Għal Ferris l-Assunta tal-Għaxqin hi xogħol ċelebri, jiġifieri xogħol li qanqal kunsens assolut, opra li ħolqot eku qawwi fix-xena tal-arti sagra lokali. L-Assunta ta' Gerada tiġi kkonsagrata minn Ferris bħala opra li baqgħet fl-imħuħ u fil-qlub, l-ogħla karatteristika ta' Prim Kapolavur assolut.

Jingħalqu warajna l-purtuni ħoxnin tal-knejjes tagħna, waqt li nirfsu l-weraq ifuħ tar-rand imferrex fl-art, hekk kif imċajpra bid-duħħan taż-żminijiet nirfsu mill-għetiebi mikula rħamati biex interrqu lura lejn din dinjietna tal-lum fejn il-kwotidjanità mhu xejn bħal Pantheon sublimi ta' Ferris, fejn jirrenja l-ġmiel u jsaltan l-eternament divin. Iżda, jekk tagħlaq għajnejk għal ftit mumenti biss u ġġib quddiem ħsibijietek din il-kollezzjoni prima ta' qaddisin protetturi tagħna, għal ftit ikollok is-sensazzjoni ta' ftit ħelu fil-morr. Idduqq anke int il-purezza tal-ġmiel u s-serenità dejjiema ta' dak kollu li jaf joħloq il-bniedem meta jippossedih l-għerf u l-qawwa tal-ispirazzjoni divina.

ISOTOPE DISCO
DJ Osvaldo




Music Entertainment for all Functions
Osvaldo Farrugia
Mob: 79451888
We also do repairs on all electrical tools & Hi-Fi equipment